MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MALLIA MICHAEL LL.D.

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 437/2002

**U.C.I.M. Co. Ltd**

**vs**

**Victor Vella u martu Denise Vella**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elf, hames mija u sitta u hamsin lira Maltin (Lm1,556) rapprezentanti import ta' tnax-il (12) kambjala, wahda ta' Lm16 (bilanc) u hdax ta' Lm140 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Awissu, 2001, sa' Lulju, 2002, rispettivament u mhux imhallsa, annessi bhala dokumenti numri minn 1 sa' 12 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sal-25 ta' Gunju, 2002, jammontaw ghal Lm56, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li biha cediet is-sorte stante pagament fil-mori tal-kawza, pero' zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fl-14 ta' Novembru, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici limitatament ghall-ispejjez kontra l-konvenuti.

Anthony Zammit
Dep Reg.